**Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri)**

**Onor. Prim Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D.**

**Onor. Imhallef Dr. Joseph Zammit Mc Keon LL.D.**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Illum, 13 ta' Frar 2019**

**Att tal-akkuza 18/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Martin Marco Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat r-rikors tal-appellipprezentat mill-appellant Martin Marco Baldacchino ipprezentat fit-30 ta' Dicembru 2016.

Rat ir-rikors tal-appell imressaq mill-Avukat Generali fl-04 ta' Jannar 2017.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti wara li semghet is-sottmissjonijiet mill-partijiet halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tat-30 ta' Jannar 2019.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-appellant fid-09 ta' Jannar 2019 fejn talab lil din il-Qorti tissospendi il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tigi trattata

it-talba tieghu sabiex issir referenza kostituzzjonali minhabba allegata lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellantipprezentat fl-istess jum fejn talab lil din il-Qorti tirreferi it-talba tieghu lil Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) sabiex jigi mistharreg jekk sehhietx lezjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar d-Drittijiet tal-Bniedem abbinat mal-artikolu 14.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-18 ta' Jannar 2019 fejn din it-talba giet opposta.

Ikkunsidrat:

Illi f'kaz ta' lanjanza kostituzzjonali, il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda li ghandha parametri stretti dettati mill-Kostituzzjoni stess. Infatti l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ighid:

> "jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm il-darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja.

Illi ghalhekk il-Qorti certament f'dana l-istadju bl-ebda mod ma hija imsejjha u lanqas hija kompetenti sabiex tiddeciedi fil-mertu l-istess kwistjoni u trid tara biss jekk fl-opinjoni taghha, it-talba maghmula mid-difiza sabiex issir referenza abbazi ta' dak premess hijiex wahda li tinvolvi kwistjoni li hi primarjament frivola jew vessatorja.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Mifsud vs Avukat Generali' gie deciz illi l-kliem frivoli jew vessatorji ifissru illi l-kwistjoni li tkun tqajjmet hi irrilevanti proceduralment fil-proceduri li fihom tkun tqajjmet. Fil-fatt il-kelma "frivola" inghatat it-tifsira ta' "ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens u b'hekk ma ghandhiex tinghata xi forma ta' attenzjoni jew konsiderazzjoni." In rigward "vessatorja" din tidher li tfisser "minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li dejjaq u tirrita lil kontro-parti."

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant qieghed jilmenta illi bil-fatt illi l-Avukat Generali, kuntrarjament ghal kazijiet ohra fejn l-akkuzi kienu identici u il-fattispecje simili ghal dawk in ezami ghogbu jasal ghal patteggjament mal-persuna akkuzata u dan fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, fejn kien hemm qbil li l-piena kellha tkun dik ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-kaz tal-appellant dan ma sehhx, biex b'hekk kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq u dan meta sehhet diskriminazzjoni fil-konfront tieghu. Dan ghaliex f'dawn il-kazijiet l-Avukat Generali iddikjara fil-Qorti illi kien dispost li l-akkuzat jammetti ghar-reat tal-hruq volontarju taht l-artikolu 318 tal-Kodici Kriminali bhala akkuza alternattiva ghall-Ewwel Kap ta'l-Att tal-Akkuza li kien jikkontempla ir-reat aktar gravi kif mahsub fl-artikolu 316(a). Dan il-patteggjament gie accettat mill-Qorti Kriminali li ghaddiet ghad-decizjoni fuq dak miftiehem bejn il-partijiet. L-appellant fil-fatt jaghmel referenza ghal tlett kawzi fejn id-decizjoni tal-Qorti Kriminali kienet wahda in linja ma' dak patteggjat bejn il-partijiet u dan fil-kawzi – 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Cilia', 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo Camilleri', u 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Marius Scerri'.

Illi l-Qorti ezaminat l-atti tal-kawzi iccitati mid-difiza u tara illi l-akkuzi moghtija fit-tlett kazijiet kienu identici ghal dawk migjuba mill-Avukat Generali kontra l-appellant f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Illi f'dawn it-tlett kawzi, il-Qorti Kriminali accettat l-ammissjoni tal-persuna akkuzata fit-termini tal-artikolu 318 tal-Kodici Kriminali bhal alternattiv ghal dak moghti fl-Att tal-Akkuza li kien ir-reat mahsub fl-artikolu 316(a), liema reat igorr piena aktar gravi. Fil-kaz in dizamina ma jidhrx illi sehh dan billi l-Avukat Generali fid-diskrezzjoni moghtija lilu bil-ligi ma accettax illi ikun hemm ammissjoni ghar-reat minuri, b'dan ghalhekk illi l-Qorti Kriminali kellha taccetta l-ammissjoni kif maghmula mill-appellant ghar-reati kif addebitati lilu fl-Att tal-Akkuza u allura b'wiehed mir-reati ikun dak mahsub fl-artikolu 316(a) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi illi:

> "Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm il-darba l-akkuza ma tigix irtirata jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'ligi.". Is-sub-inciz 6(c) rifless ukoll fl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem

> (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponu illi kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jithalla jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' rappresentant legali u min ma jkunx jista' jhallas ghal rappresentanza legali, dina ghandha tingata lilu b'xejn, meta l-interessi tal-gustizzja jinhtiegu hekk."

Illi hawnhekk kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropeja qeghdin jaghmlu referenza ghad-drittijiet tal-akkuzat fi proceduri kriminali, liema proceduri kriminali gew hafna drabi moghtija tifsira wiesgha mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jinkludu kull process li jista' b'xi mod ikollu effett fuq il-proceduri penali li jsiru fil-qorti, anke dawk li isehhu allura 'barra il-Qorti'.

Abbinat mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-appellant jikkontendi ukoll permezz tal-verbal irregistrat fl-udjenza ta' llum illi b'dak li sehh fil-process penali meta meqjus fl-intier tieghu kontra l-appellant sehhet diskriminazzjoni fil-konfront tieghu b'lezjoni tad-dritt enkapsolat fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Illi din il-Qorti tqies allura illi l-kwistjoni ventilata mill-appellant la hija frivola u wisq anqas vessatorja tenut kont tal-fatt b'mod specjali illi l-Avukat Generali qieghed ifittex revizjoni ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali billi qed jitlob illi l-appellant jinghata piena aktar severa.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-appellant u wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta tibghat lil Prim'Awla tal-Qorti Civil (Sede Kostituzzjonali) sabiex jigi minnha deciz il-kwezit jekk bil-fatt illi fil-proceduri penali migjuba kontra l-appellant huwa ma giex trattat bl-istess mod bhal persuni ohra akkuzati b'reati identici setax kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba din l-allegata diskriminazzjoni tant illi inghata piena aktar severa u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 39 abbinat mal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 6 abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Ft.